# Press Release

Malta, 05/12/2011

## *POOLING4CLUSTERS*

## *15- metodoloġiji magħżula mill- pajjiżi parteċipanti issa disponibbli*

For more information:

Mrs. Daniela Chetcuti
Malta Information Technology Agency
daniela.busuttil@gov.mt
+356 2599 2510

Mrs. Coraline Lefevre
CLE@bep.be

www.pooling4clusters.eu

## *Niżżel il-ktejjeb eletroniku*

Il-Pooling4Clusters (INTERREG IVC), proġett ffinanzjata mill-Unjoni Ewropea, huwa immirat lejn żvilupp ta' pjattaforma għal metodoloġiji ta' l-aqwa servizzi għall-implimentazzjoni kompetittiva tal-clusters. Malta qiegħda tipparteċipa f'dan il- proġett permezz tal-aġenzija governattiva MITA. Minbarra Malta, hemm sitt imsieħba oħra minn Franza, il-Greċja, is-Slovenja, il-Ġermanja, l-Estonja, kif ukoll is-sieħeb ewlieni li huwa l-Uffiċċju tal-Ekonomija tal-Provinċja ta' Namur, fil-Belġju (BEP).

B'enfasi fuq ir-rabtiet bejn dawk l-Aġenziji għall-Iżvilupp ta' clusters u dawk l-entitajiet li jimplementaw inizjattivi fl-Ewropa, l-imsieħba f'dan il-proġett qed jintroduċu l-'e-ktejjeb li jiddeskrivu l-hmistax-il metodoloġiji magħżula mill- pajjiżi parteċipanti

Dan l-e-ktejjeb huwa meqjus li jsir gwida mportanti għal dawk kollha li jfasslu pjanijiet u strateġiji b'rabta ma' żviluppi lejn clusters u l-innovazzjoni; kemm f'Malta, kif ukoll fl-Ewropa. Il-ktejjeb eletroniku jipprovdi informazzjoni utli sabiex jitjiebu il-mezzi ta' kollaborazzjoni effetivi bejn l-organizzazzjonijiet u għat-titjib fir-rendiment tagħhom f'termini ta' żvilupp kollettiv.

Huwa importanti li wieħed jinnota li dan il-ktejjeb se jservi bħala l-prekursur ta' katalogu li se jinkorpora l-eżitu konklużiv tal-proġett. Dan mistenni li jkun disponibbli f' Diċembru 2012, li se jinkludi disa' (9) metodoloġiji implimentati w ttestjati bejn fill-pajjiżi msieħba ta' dan il-proġett.

### *Servizzi*

Wara l-proċess ta' evalwazzjoni, li seħħew matul il-perjod ta' Jannar - Ġunju 2011, il-katalogu li se jinkorpora l-eżitu konklużiv tal-proġett se jkun delineat b'numru ta' kategoriji fosthom: l-edukazzjoni u t-taħriġ; espansjoni permezz ta' preżenza kummerċjali; ir-riċerka u n-networking permezz ta' website u programm ta' konsulenza; koperazzjoni kummerċjali; l-innovazzjoni u t-teknoloġija u azzjonijiet strateġiċi. Is-

servizzi msemmija hawn fuq huma dawk inklużi fl-e-ktejjeb, li attwalment huma taħt l-ittestjar mill-imsieħba pajjiżi ta’ dan il-proġett.

MITA ser tkun qed torganiżża programm ta 'taħriġ għall-“cluster facilitators” u partijiet interessati oħra sabiex tiġi promossa ġestjoni ta’ “clusters” kompetittivi. MITA biħsiebha wkoll twaqqaf faċilità online fejn teknoloġisti w intrapriżi jistgħu jaqsmu l-għarfien tagħhom u l-aspirazzjonijiet ma' partijiet interessati oħra partikolarment investituri. Dawn l-isforzi se jgħinu dawk il-partecipanti tal-program sabiex jiżviluppaw fi-“clusters”.